

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2025 – WM vs BEI

(Kawża T-492/25)

(C/2025/5965)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: WM (rappreżentant: B. Marchal, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investment

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-BEI tat-12 ta' Mejju 2025 li tikkonferma l-prinċipju ta' pensjoni tal-invalidità *pro rata*, li tissospendi l-ħlas tas-somom dovuti mat-tluq tar-rikorrent u li tipposponi t-talba tar-rikorrent sabiex jitlaqqa' Kumitat tal-Invalidità ġdid (iktar 'il quddiem l-ewwel deċiżjoni kkontestata");
- tannulla d-deċiżjoni tal-BEI tal-24 ta' Ġunju 2025 li tikkonferma l-prinċipju ta' pensjoni tal-invalidità *pro rata* u li tirrifjuta li tapplika bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet fir-Regolamenti dwar l-Iskema tal-Pensjoni tal-BEI, b'mod partikolari l-Artikoli 20-1, 50-1 u 59-3 (iktar 'il quddiem it-"tieni deċiżjoni kkontestata");
- tannulla d-deċiżjoni tal-BEI tal-24 ta' Ġunju 2025 li tikkonferma s-sospensjoni tal-ħlasijiet dovuti mat-tluq tar-rikorrent, li tikkonferma l-intenzjoni tal-BEI li jipposponi t-talba tar-rikorrent dwar il-Kumitat tal-Invalidità (iktar 'il quddiem it-"tietlet deċiżjoni kkontestata");
- tiddikjara illegali u diskriminatorju l-kalkolu *pro rata* tal-pensjoni tal-invalidità li għamel il-konvenut;
- tiddikjara illegali ż-żamma mill-konvenut tas-somom dovuti lir-rikorrent mat-tluq tiegħu;
- tiddikjara illegali r-rifjut tal-konvenut li jlaqqa' mill-ġdid Kumitat tal-Invalidità;
u, sussidjarjament,
- temenda d-deċiżjonijiet ikkontestati msemmija iktar 'il fuq (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati");
- tiddikjara illegali l-applikazzjoni mill-konvenut ta' pensjoni tal-invalidità *pro rata*;
- tiddikjara illegali ż-żamma mill-konvenut tas-somom dovuti lir-rikorrent mat-tluq tiegħu;
- tiddikjara illegali r-rifjut tal-konvenut li jlaqqa' mill-ġdid Kumitat tal-Invalidità;
u fi kwalunkwe każ,
- tordna lill-konvenut iħallas lir-rikorrent is-somom dovuti mat-tluq tiegħu;
- tagħti kumpens għad-dannu materjali li għarrab ir-rikorrent;
- tagħti kumpens għad-dannu morali u għad-diffikultà li għarrab ir-rikorrent minħabba diversi irregolaritajiet u ksur kontinwu tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent li għandhom x'jaqsmu direttament mad-deċiżjonijiet ikkontestati;
- tagħti kumpens għall-ispejjeż sostnuti kaġun tal-aġir, azzjonijiet u ommissjonijiet illegali tal-konvenut u li għarrab ir-rikorrent;
- tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż legali relatati ma' dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka l-motivi li ġejjin.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjonijiet ikkontestati huma illegali minħabba l-azzjonijiet u/jew l-ommissjonijiet illegali tal-konvenut, bi ksur tal-prinċipju ta' legalità u ta' ċertezza legali, tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal ugwaljanza fit-trattament u għal nondiskriminazzjoni, għal sigurtà soċjali, għal proprjetà, għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u għal amministrazzjoni tajba, kif ukoll tad-dritt li l-konvenut josserva d-dmir ta' premura tiegħu fil-konfront tar-rikorrent.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni li ġarrab ir-rikorrent kaġun tad-deċiżjonijiet ikkontestati u tal-ksur relatat tad-drittijiet fundamentali u tad-drittijiet ta' impjieg tiegħu.
